# Linji Direttivi dwar il-Kumitati Reġjonali

## 1. Kumitat Reġjonali - livell ieħor ta' gvern lokali

1.1 Dawn il-linji direttivi, li qed jinħarġu bis-saħħa tal-paragrafu 80 (b) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, għandhom l-għan li jirregolaw **l-operat tal-Kumitati Reġjonali madwar Malta u Għawdex**.

1.2. Il-Kumitat Reġjonali huma livell ta' gvern lokali b'responsabbiltajiet devoluti jew delegati lilu permezz ta' delega mill-Ministru.

1.3 Fis-sistema Maltija, għalhekk it-twaqqif tal-Kumitati Reġjonali jfisser li s-sistema ta' gvern lokali tikkonsisti fi tlett (3) livelli, dik tal-**livell reġjonali** magħmul minn 5 Reġjuni, dik tal-**livell lokali** magħmul minn 68 Kunsill Lokali, u dak tal-**Kumitat Amministrattiv għall-Komunitajiet** magħmul minn 16-il Komunità.

## 2. Reġjuni stabbiliti

2.1 Skont l-emendi li saru fl-imsemmi Att permezz tal-Att Numru XVI tal-2009, ġew stabbiliti **5 Reġjuni**:

- **Reġjun Għawdex** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tar-Rabat, Fontana, Għajnsielem, l-Għarb, l-Għasri, Ta' Kerċem, il-Munxar, in-Nadur, il-Qala, San Lawrenz, Ta' Sannat, ix-Xagħra, ix-Xewkija u ż-Żebbuġ (14-il Kunsill)

- **Reġjun Tramuntana** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Imdina, Ħad-Dingli, Ħal Għargħur, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, Pembroke, ir-Rabat, San Pawl il-Baħar, is-Swieqi u l-Imtarfa (12-il Kunsill)

- **Reġjun Ċentrali** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, il-Gżira, l-Iklin, Ħal-Lija, l-Imsida, il-Pietà, San Ġiljan, San Ġwann, Santa Venera, Tas-Sliema u Ta' Xbiex (13-il Kunsill)

- **Reġjun Xlokk** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla, Bormla, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, il-Fgura, Floriana, il-Kalkara, il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Paola, Ħal Tarxien u x-Xgħajra (15-il Kunsill)

- **Reġjun Nofsinhar** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta’ Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, Birżebbuġa, il-Gudja, Ħal Għaxaq, il-Ħamrun, Ħal Kirkop, Ħal-Luqa, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, Santa Luċija, u ż-Żurrieq (14-il Kunsill).

## 3. Kostituzzjoni tal-Kumitat Reġjonali

3.1 Il-Kumitat Reġjonali jkun presedut minn President Reġjonali li jiġi elett minn fost il-Kunsillier kollha u li jservi wkoll bħala membru fl-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

3.2 F’każ ta’ voti indaqs meta jkun hemm bżonn ta’ votazzjoni il-President jkollu kemm il-vot oriġinali kif ukoll il-*casting vote.*

3.3 Il-membri tal-Kumitat Reġjonali huma s-Sindki tal-lokalitajiet li jifformaw dak ir-reġjun. Meta, għal xi raġuni s-Sindku ma jkunx jista’ jattendi għal xi laqgħa jew attività tal-Kumitat Reġjonali, għandu jattendi floku l-Viċi Sindku.

3.4.1 Id-dispożizzjonijiet fl-Att dwar Kunsilli Lokali u l-liġijiet sussidjarji dwar kwalifika, elezzjoni, ġurament tal-ħatra u oħrajn li japplikaw għas-Sindku u membri tal-Kunsill japplikaw *mutatis mutandis* għall-President u l-membri tal-Kumitati Reġjonali.

3.4.2 Fejn fl-Att dwar Kunsilli Lokali u l-liġijiet sussidjarji hemm referenza għas-Sindku din tapplika *mutatis mutandis* għall-President Reġjonali, u fejn fl-istess liġijiet hemm referenza għall-Kunsillieri din tapplika għall-membri tal-Kumitat Reġjonali.

3.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali jiġi maħtur mill-Kumitat Reġjonali wara konsultazzjoni mal-Ministru.

3.5.2 Il-kwalifiċi ta’ Segretarju Eżekuttiv ikunu dawk stabbiliti mill-ministru minn żmien għal żmien permezz ta’ linji direttivi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 80 tal-Att dwar Kunsilli Lokali u ċirkolati lill-entitajiet kollha tal-gvern lokali.

3.5.3 Mat-twaqqif tal-ewwel Kumitati Reġjonali is-Segretarji Eżekuttivi jkunu magħżula mill-Kumitat Reġjonali minn lista ta’ uffiċjali li jagħmel disponibbli d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

3.5.4 Rappreżentant elett f'xi gvern lokali (Kumitat Reġjonali, Kunsill Lokali jew Kumitat Amministrattiv għal xi Komunità) ma jistax jiġi maħtur Segretarju Eżekuttiv ta' Kumitat Reġjonali.

3.5.5 Il-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali kif stabbiliti fl-Att dwar Kunsill Lokali japplikaw *mutatis mutandis* għas-Segretarju Eżekuttiv ta' Kumitat Reġjonali.

3.5.6 Meta l-President tar-Reġjun ikun indispost jew ma jkunx jista' jattendi xi laqgħa tar-reġjun jew xi attività uffiċjali li jkun mistieden għaliha, hu għandu jiddelega li xi wieħed mill-membri tal-kumitat reġjonali sabiex imexxi l-laqgħa jew jattendi l-attività floku.

## 4. Uffiċini Reġjonali

4.1 Kull Reġjun għandu jkollu l-uffiċċju reġjonali tiegħu f'post magħżul minnu bl-approvazzjoni tal-Ministru u li għandu jkun aċċessibbli għal kulħadd, inkluż persuni li jużaw siġġu tar-roti.

## 5. Responsabbiltajiet devoluti jew delegati lill-Kumitat Reġjonali

5.1.1 Ir-responsabbiltajiet tal-Kumitati Reġjonali jiġu mgħoddija lilhom mill-Ministru responsabbli mill-gvern lokali minn żmien għal żmien meta dan ikun sodisfatt li dawn ikollhom il-kompetenzi u r-riżorsi meħtieġa biex jassumu dawn ir-responsabbiltajiet.

5.1.2 Iżda, jekk ikun hemm qbil unanimu mill-Kunsilli Lokali kollha fir-reġjun, tista' tiġi delegata responsabbiltà li jkollhom il-Kunsilli Lokali lill-Kumitat Reġjonali. Dan isir possibbli wara li tgħaddi riżoluzzjoni mill-Kunsilli rispettivi, b'hekk xi Kunsill Lokali jista' jagħżel li ma jiddelegax lill-Kumitat Reġjonali ir-responsabbiltà li jkollu.

5.2.1 Kull funzjoni devoluta jew delegata li tingħata tiġi eżegwita minn Kumitat Reġjonali fuq bażi reġjonali, u għalhekk fit-twettiq ta' dawn il-funżjonijiet il-Kumitati Reġjonali ma jistgħux jingħaqdu flimkien, iżda kull funżjoni tiġi eżegwita minn kull Kumitat Reġjonali b'mod separat.

5.2.2 Id-Devoluzzjoni ta' Funzjoni issir billi tali funzjoni tiġi vestita kollha kemm hi fir-responsabbiltà tal-Kumitat Reġjonali (per eżempju l-infurzar lokali u t-tidwil tat-toroq).

5.2.3 Id-delega ta' funzjoni timplika li filwaqt li l-Kumitat Reġjonali jingħata l-amministrazzjoni tal-funzjoni, ir-responsabbiltà aħħarija tibqa' tal-gvern ċentrali (per eżempju l-amministrazzjoni tal-libreriji reġjonali).

5.3.1 Il-Ministru jista' wkoll jiddeċiedi li funzjoni ġdida tgħaddi għandu Kumitat Reġjonali wieħed jew aktar biex it-twettiq ta' tali funzjoni ssir fuq bażi ta' proġett pilota.

5.3.2 Meta l-Ministru jgħaddi xi funzjoni abbażi ta' proġett pilota, dan għandu jispeċifika l-perjodu meta din il-funżjoni tkun ser tiġi delegata lill-Kumitati Reġjonali kollha. Jekk mat-tmiem tal-proġett pilota ma jkunx possibbli li din il-funzjoni tiġi delegata, id-delega tiġi rtirata għal kollox.

5.4 Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, kemm il-membri kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati għandhom isegwu l-istess dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-leġislazzjoni sussidjarja u leġislazzjoni oħra relatata.

5.5 Mat-twaqqif tal-ewwel Kumitati Reġjonali, il-funzjonijiet li jiġu devoluti lilhom ser ikunu:

(i) il-funzjoni tal-Infurzar Lokali (*Local Enforcement System)*; u

(ii) il-funzjoni tat-Tidwil tat-Toroq Residenzjali (*Street Lighting*).

5.6.1 Wara xi żmien ta' esperjenza ta' ġestjoni ta' dawn iż-żewġ funzjonijiet, tista' wkoll tiġi delegata l-funzjoni tal-amministrazzjoni tal-Libreriji Reġjonali, li preżentement huma seba' (7):

- Libreriji Reġjonali ta' Ħal-Luqa u Ħal Qormi fin-Nofsinhar
- Libreriji Reġjonali tal-Mosta u tar-Rabat (M) fit-Tramuntana
- Libreriji Reġjonali tal-Birgu u ta' Paola fix-Xlokk
- Librerija Reġjonali ta' Birkirkara fir-Reġjun Ċentrali.

5.6.2 Peress li għad jonqos biss li tiġi stabbilita Librerija Reġjonali għar-Reġjun ta' Għawdex, din tista' tiġi stabbilita meta tkun se tidħol din id-delega ta' funzjoni.

## 6. Poteri u Obbigi

6.1 Il-poteri u l-obbligi kollha li huma applikabbli għall-membri tal-Kunsill u għas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali japplikaw għall-membri u għas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat Reġjonali.

6.2 Il-*Policy Documents* kif ukoll il-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali japplikaw b'mod dirett għal-livell reġjonali.

6.3 Ilmenti mill-pubbliku u entitajiet kontra allegata malamministrazzjoni minn xi membru, Segretarju Eżekuttiv jew impjegat tal-Kumitat Reġjonali dwar xi funzjoni li tkun fir-responsabbiltà tal-Kumitat Reġjonali jistgħu jsiru kemm lill-Bord ta' Gvernanza Lokali, lit-Tribunal Amministrattiv jew lill-*Ombudsman,* u r-rakkomandazzjoni jew deċiżjoni ta' dawn ta' l-aħħar għandha tiġi eżegwita fl-interess tal-amministrazzjoni u gvernanza tajba.

## 7. Laqgħat tal-Kumitati Reġjonali

7.1 Il-laqgħat tal-Kumitat Reġjonali jridu jinżammu fl-Uffiċċju Reġjonali u dawn il-laqgħat iridu jkunu miftuħa għall-pubbliku.

7.2 Il-proċedura tal-laqgħat tal-Kumitat Reġjonali hi l-istess bħal dik tal-Kunsill Lokali fejn l-ordni tax-xogħol ikun skont kif stabbilit fis-Sitt Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali u l-*Media* għandha tingħata kull faċilità biex tirrapporta l-laqgħat.

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irid isegwi l-istess obbligi li jinsabu fl-Att dwar Kunsillil Lokali fit-tħejjija u t-tmexxija tal-laqgħat kif ukoll fl-obbligi kollha relatati magħhom.

## 8. Finanzi

8.1 Fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu il-Kumitat Reġjonali hu marbut bl-istess termini u kundizzjonijiet li hemm stabbiliti fl-Att dwar Kunsilli Lokali u l-leġislazzjoni sussidjarja relatata, inkluż l-obbligi li jsegwi l-proċeduri tad-Dipartiment tal-Kuntratti u dawk tal-Unjoni Ewropea meta jkun applikabbli.

8.2 Sabiex iwettqju l-funzjonijiet tagħhom, il-Kumitati Reġjonali jingħataw riżorsi finanzjarji kif jiġi stabbilit mill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali bi qbil mal-Ministru responsabbli mill-Finanzi.

## 9. Mixxellanji

9.1.1 Il-Kumitat Reġjonali jrid iżomm Laqgħa Annwali Reġjonali li għaliha jistgħu jattendu l-Kunsillieri kollha li jkunu jservu fil-kunsilli lokali ta’ dak ir-reġjun, u din il-Laqgħa Annwali tieħu post il-laqgħat reġjonali annwali li kienu jiġu organizzati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL).

9.1.2 Kull sena għandha tinżamm Laqgħa Annwali Reġjonali.

9.1.3 Għal din il-Laqgħa Annwali Reġjonali għandhom jiġu mistiedna jattendu wkoll il-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, id-Direttur għall-Gvern Lokali, il-President u l-membri kollha tal-AKL, kif ukoll rappreżentanti akkreditati tal-Media.

9.1.4 Fil-Laqgħa Annwali Reġjonali għandu jiġu moqri r-Rapport Amministrattiv li jinkludi d-dikjarazzjoni finanzjarji dwar dħul u infiq tas-sena li tkun għadha kemm spiċċat kif ukoll jingħata tagħrif dwar l-Estimi għas-sena li tkun għadha kemm bdiet kif ukoll il-Pjan ta’ Ħidma għat-tliet snin li ġejjin.

9.2 Il-Kumitat Reġjonali jista’ wkoll, fuq kull materja li jħoss li għandu jikkonsulta dwarha, isejjaħ laqgħa għall-kunsillieri kollha tar-reġjun.

9.3.1 Kull Kumitat Reġjonali għandu jkollu l-Istemma tar-Reġjun, kif ukoll l-insinja u l-*lapel badge* li jintlibsu mill-President Reġjonali.

9.3.2 L-istemma, l-insinja u l-*lapel badges* għandhom jiġu speċifikati mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitati Reġjonali rispettiv.